MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1200/2003

**Dame Dolores GALEA**

**vs**

**Joseph MICALLEF u martu Mary MICALLEF**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-11 ta’ Novembru, 2003, li bih l-attriċi ppremettiet

Illi permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace tat-tlettax (13) ta’ Mejju tas-sena elf disa’ mija tnejn u disgħin (1992) (Dokc. “A”), l-attriċi biegħet u trasferit lis-soċjeta’ In Town Estates Ltd. art tal-kejl ta’ ċirka mitejn u tlettax-il metru kwadru (213mk) li tinsab f’Clares Street, illum Triq Furtu Selvatico, San Ġiljan;

Illi fl-istess kuntratt, l-attriċi, bil-kunsens ta’ l-istess InTown Estates Ltd., kienet imponiet fuq il-preċitata art ċens

annwu u perpetwu ta’ mija u għoxrin lira (Lm120), liema ċens l-istess In Town Estates Ltd. kienet intrabet li tirredimih fi żmien għaxar snin mid-data tal-preċitat kuntratt; għalhek dan iċ-ċens kellu jiġi mifdi sat-tlettax (13) ta’ Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002);

Illi permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Caroline Abela Rausi tal-ħamsa (5) ta’ Novembru tas-sena elf disa’ mija tmienja u disgħin (1998) (Dok. “B”), l-istess In Town Estates Ltd. kienet biegħet u ttrasferit lill-konvenuti konjuġi Micallef l-appartament numru erbgha (4) formanti parti mill-Blokk jismu Totnes li jinsab ġio Triq Furtu Selvatico qabel Clares Street, San Ġiljan, soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta’ ħamsa u tletin lira (Lm35), liema blokk hu mibni fuq l-art fuq deskritta mibjugħa mill-attriċi lis-soċjeta’ In Town Estates Ltd;

Illi għalhekk il-konvenuti kienu obbligati li jifdu il-preċitat ċens annwu u perpetwu ta’ ħamsa u tletin lira (Lm35) sa mhux aktar tard mit-tletttax (13) ta’ Mejju 2002;

Illi l-konvenuti ġew interpellati sabiex jifdu l-imsemmi ċens annwu u perpetwu ta’ ħamsa u tletin lira (Lm35) iżda baqgħu inadempjenti;

Għalhekk l-attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti huma oblligati li jifdu ċ-ċens annwu u perpetwu ta’ ħamsa u tletin lira (Lm35) gravanti l-appartament numru erbgħa (4) formanti parti mill-Blokk jismu Totnes fi Triq Furtu Selvatico ġia Clares Street, San Ġiljan, liema fidi kellu jsir sa’ mhux aktar tard mit-tlettax (13) ta’ Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002), u dan ai termini tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace tat-tlettax (13) ta’ Mejju tas-sena elf disa’ mija tnejn u disgħin (1992) (Dok. “A”) u tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Caroline Abela Rausi tal-5 ta’ Novembru elf disa’ mija tmienja u disgħin (1998) (Dok. “B”);

2. Tiddikjara ukoll illi dan il-fidi għandu jsir bil-prezz ta' seba' mitt lira (Lm700) u ċioe' ir-rata kif stipulata fl-artikolu 1501 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Tikkundanna u tordna lill-konvenuti biex jaddivjenu għall-pubblikazzjoni ta' att Notarili sabiex isir l-imsemmi fidi ta' ċens;

4. Tiffissa ġurnata, ħin u lok għall-pubblkazzjoni ta' l-imsemmi att Notarili;

5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-imsemmi att Notarili u Kuratur Deputat sabiex jdher għall-eventwali kontumaċi fuq l-imsemmi att Notarili;

6. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi l-imsemmija somma ta' seba' mitt lira (Lm700) rappreżentanti l-prezz ta' l-imsemmi fidi ta' ċens;

Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti inklużi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 18 ta' Lulju 2003 u b'subizzjoni ta' l-istess konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attriċi;

Rat in-nota mressqa mill-konvenuti fit-23 ta' Diċembru, 2003, li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fiċ-ċitazzjoni (fol. 20 tal-proċess);

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti it-talbiet dedotti fiċ-ċitazzjoni jirriżultaw mistħoqqa;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attriċi kif dedotti fiċ-ċitazzjoni u dan billi:

Tiddikjara li l-imħarrkin għandhom obbligu li jifdu ċ-ċens gravanti l-appartament numru erbgħa (4) li jagħmel parti mill-blokk ta' appartamenti bl-isem "Totnes", Triq Furtu Selvatico ġia Triq il-Klarissi, San Ġiljan, u dan skond kif imfisser fl-att nutarili tat-13 ta' Mejju, 1992, fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace, u l-att tal-5 ta' Novembru, 1998, fl-

atti tan-Nutar Caroline Abela Rausi tal-5 ta’ Novembru, 1998, liema ċens kellu jinfeda sat-13 ta’ Mejju, 2001;

Tilqa’ t-tieni u s-sitt talbet attriċi u tordna illi l-imsemmi fidi jsir fis-somma ta’ seba’ mitt lira maltija (Lm700);

Tilqa’ t-tielet talba attriċi u qegħda tordna lill-imħarrkin li jersqu għall-att nutarili relattiv għall-fidi tal-imsemmi ċens;

Għall-finijiet tar-raba’ u tal-ħames talbiet attriċi, qegħda tordna li l-imsemmi att jiġi ppubblikat min-Nutar Dottor Carmel Martinelli, nhar it-Tlieta, 2 ta’ Marzu, 2004, fil-11.30 a.m., fil-bini tal-Qorti, Valletta; u qegħda taħtar lill-Avukat Christopher Vella bħala kuratur għall-eventwali kontumaċi;

Bl-ispejjeż magħduda dawk tan-Nutar u Kuratur hawn fuq imsemmi, u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenuti.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------